# QORTI CIVILI
# PRIM'AWLA
# (SEDE KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**ILLUM, 29 T'OTTUBRU 2020**

**Kawza Numru: 1K**

**Rik. Kost. 39/2020 RGM**

**Ruth Gatt**

**vs.**

**Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

Rat ir-**rikors ta' Ruth Gatt** prezentat fit-18 ta' Frar, 2020 li permezz tieghu ippremettiet u talbet is-segwenti:

**Fatti tal-Kaz**

1. Il-kaz jitratta dwar incident fejn l-akkuzata Ruth Gatt flimkien ma certu Nigel John Abela kienu impjegati mid-Dipartiment tal-VAT. Irrizulta li l-akkuzati fethu kont bankarju flimkien fuq suggeriment ta' Nigel John Abela sabiex izomm mistur ammont ta' flus minn martu peress li kien ghaddej minn proceduri ta' separazzjoni minn maghha. Sussegwentement deher li l-mara xorta setghet tkun taf li dawk kienu f'ismu wkoll u ghalhekk Nigel John Abela kkonvinciha tiftah kont f'isimha biss mal-APS Bank. Irrizulta li terzi fosthom socjetajiet spiccaw ihallsu lill-Nigel John Abela ammonti ta' flus dovuti bhala VAT sabiex dan jghaddihom lid-Dipartiment izda rrizulta li dawn kienu jkunu depozitati fil-kont tal-imputata bir-rizultat li l-ammont kienu xorta wahda jibqghu jidhru bhala dovuti fis-sistenma tad-Dipartiment minhabba li kienu jinzammu minn Nigel John Abela. Dana billi rrizulta li l-flus kienu jiddahlu f'kont intestat f'isem Ruth Gatt mill-istess Nigel John Abela, u jibbenfika minn tali fondi l-istess Nigel John Abela.

2. Illi sussegwentement l-esponenti giet mressqa il-Qorti b'arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), akkuzata inter alia b'komplicita f'allegati reati ta' hasil ta' flus ma' certu Nigel John Abela b'diversi reati biss pero kien tressaq separatament akkuzat bhala l-awtur materjali u principali tal-istess allegati atti ta' hasil ta' flus.

3. Illi kif rrizulta mill-istqarrija ta' l-istess Nigel John Abela ezebita in atti, Abela kien ddikjara illi l-esponenti kienet injara ghal-kollox dwal kwanlunkwe attivita illegali u dwar il-provenjenza illecita' tal-flus.

4. Illi pero peress li Nigel John Abela, fuq ghazla unilaterali tal-prosekuzzjoni gie mressaq bhala koakkuzat mal-esponenti (fi proceduri separati), l-esponenti ghalhekk ma setghet qatt titlob li huwa jigi prodott bhala xhud in difesa taghha sabiex jixhed peress li huwa kien ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri.

5. L-esponenti kienet wkoll talbet sabiex ghal-inqas l-istqarrija tieghu tigi ammessa in atti, liema stqarrija pero eventwalment giet skartata ghal-kollox bhala inammisibbli mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha.

6. Illi jinghad li filwaqt li l-proceduri kriminali fil-konfront tal-esponenti Ruth Gatt intemmu b'mod finali billi l-appell gie deciz fil-28 ta' Novembru 2019, l-proceduri fil-konfront ta' Nigel John Abela gew delungati b'mod sfattax ghal-ebda raguni ghajr ghal- tattika diskrezzjonali tal- avukat generali.

7. Illi jinghad li kif intqal mill-Avukat Generali, l-proceduri fil-konfront ta' Nigel John Abela f'hin minnhom gew effettivament differiti ghal-aktar minn tlett snin minghajr ebda zvilupp sostanzjali.

8. Illi jigi rilevat wkoll li l-esponenti kienet ghamlet talba f'verbal datat 10 ta Novembru 2016 quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali sabiex il-proceduri jigu sospizi sa ma jintemmu b'mod finali l-proceduri fil-konfront ta' Nigel John Abela u dan bil-ghan li l-istess Abela jkun f'pozizzjoni li jixhed fil-proceduri fil-konfront tal-esponenti.

9. Illi wara dan kollu, l-esponenti kienet ghamlet rikors datat 27 ta' Frar 2017 sabiex tipprova ggib lil-Nigel Abela bhala xhud gdid minhabba li kien xhud indispensabbli li certament ix-xhieda tieghu kien ikollha piz qawwija fuq id-decizjoni u in vista tal-fatt li ma setghetx tingieb qabel mhux minhabba ragunijiet attribwibbli lill-esponenti izda biss ghall-fatt li l-Avukat Generali pprevalixxa ruhu mid-diskrezzjonijiet tieghu sabiex mexa b'mod ingust fid-delungar tal-proceduri ta' Nigel John Abela u in tant minhabba d-diskrezzjoni unilaterali taghha l-esponenti giet michuda l-possibilita' u d-dritt legali taghha li tressaq ix-xhud Nigel Abela.

10. Illi l-Avukat Generali stqarr f'risposta datata 27 ta' Frar 2017; "*l-prosekuzzjoni hasset li jkun iktar opportun li qabel ma taghlaq il-provi taghha fil-kaz ta' nigel John Abela tressaq bhala xhud lil certu Giuseppe Vella, Saviour Micallef u Ruth Gatt*" u b'hekk ammetta fir-rikors tieghu tal-27 ta' Frar 2017 li zamm il-provi miftuha f'dawk il-proceduri u b'din id-

decizjoni ingustament cahhad lill-istess Ruth Gatt milli tipprevalixxi ruhha mill-aktar xhud essenzjali ghad-difiza taghha u ghalhekk ma setghetx tiddefendi ruhha bl-ahjar mod u certament kien hemm nuqqas indubitabbli ta' *'equality of arms'*.

11. Illi dana kollu jilledi d-dritt ta' smiegh xieraq tar-rikorrenti kif sancit fl-artikolu 39(1) u (6)(b) u (d) Tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-artikolu 6(1) u (3)(b) u (d) Tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem, liema Konvenzjoni tifforma parti mill-Ligijiet ta' Malta a bazi ta' l-Att XIV 1987.

12. Illi kif ser jigi ampjament spjegat fis-smiegh u t-trattazjoni ta' dan ir-rikors fost affarijiet ohra nsibu li dan l-artikolu hu intiz: “to ensure that the accused is placed on a footing of complete equality as regards the calling and examination of witnesses with the prosecution”.

13. Illli d-decizzjoni li l-esponenti u x-xhud rikjest minnha Nigel John Abela ma gewx mixlija bhala ko-akkuzati kienet decizjoni mehuda unilateralment mill-prosekuzzjoni stess meta ghazlet li tressaqhom bhala koakkuzati [fi proceduri separati] minkejja li l-Avukat Generali kien ben konxju tal-fatt li Nigel John Abela kien xhud essenzjali u importantissimu ghad-difiza ta' l-esponenti peress li Abela kien gia ghamel dikjarazzjonijiet mal-istess li kienu jezonoraw kompletament lill-esponenti minn kull responsabbilita.

14. Illi jigi rilevat illi fil-kaz odjern dawn is-salvagwardi ma sarux u ghalhekk il-proceduri odjerni fil-konfront ta' Ruth Gatt kienet leziva ghad-drittijiet fundamentali tal-esponenti senjatament l-Artikoli 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikoli 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u dan anke kif jirrizulta minn diversi sentenzi tal-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem;

15. Il-principju ta' *equality of arms* jirrikjedi li kull parti ghandu jkollha l-opportunita' li tippresenta l-kaz taghha, inkluz il-provi taghha, taht kundizzjonijiet li jkunu sostanzjalment ugwali.

16. Illi kif gie rilevat mill-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenzi *Dombo Beheer BV v. The Netherlands*[1], *Klimentyev v. Russia*[2], *Foucher v. France*[3]:

*"Equality of arms implies that each party must be afforded a reasonable opportunity to present his case- including his evidence- under conditions that do not place him at a substantial disadvantage vis-a-vis his opponent".*

17. Il-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem sostna fis-sentenza *Kartvelishvili v. Georgia*[4]*:*

*"59. The guarantees contained in Article 6(3) including enunciated in sub-paragraph (d), are constituent elements of the concept of a fair trial set forth in Article 6(1). Its essential aim, as is indicated by the words "under the same conditions, is full "equality of arms" in the matter. With this proviso, it leaves it to the competent national authorities to decide upon the relevance of proper evidence, in so far as this is compatible with the concept of a fair trial, which dominates the whole of Artilce 6*

*61. It is accordingly not sufficient for a defendant to complain that he or she has not been allowed to question certain witnesses; he or she must, in addition, support his or her request by explaining why it is important for the witnesses concerned to give evidence and why their evidence must be necessary for the establishment of the truth. Thus, when a defendant has made an application to have witness evidence heard, which is not vexatious, and which is sufficiently reasoned, relevant to the subject matter of the accusation*

---

1 *Dombo Beheer BV v. The Netherlands, Application no. 14448/88, deciza mill-Europea Court of Human Rights fil - 27/10/1993*

2 *Klimentyev v. Russia, Application no. 46503/99, deciza mill-European Court of Human Rights fil - 6/11/2006*

3 *Foucher v. France, Application no. 22209/03, deciza mill-European Court of Human Rights fil - 18/03/1997*

4 *Kartvelishvili v. Georgia, Application no. 17716/08 deciza mill-European Court of Human Rights fil - 7/06/2018*

*and could arguably have strengthened position of the defence or even led to the defendant's acquittal, the domestic authorities must provide sufficient and relevant reasons for dismissing such an application."*

18. Fil-fatt, fil-kaz *Camilleri vs Malta*[5] l-Qorti rriteniet illi:

*"'The Court further recalls that all evidence must normally be produced in the presence of the accused at a public hearing with a view to adversarial argument. However, the use in evidence of statements obtained at the stage of the police inquiry and the judicial investigation is not in itself inconsistent with paragraphs 3 (d) and 1 of Article 6 of the Convention, provided that the rights of the defence have been respected. As a rule, these rights require that the defendant be given an adequate and proper opportunity to challenge and question a witness against him or her either when that witness is making a statement or at a later stage of the proceedings.'"*

19. Illi il-Qorti Kostituzzjonali qalet fil-kawza *Il-Pulizija v. Clayton Azzopardi*[6] is-segwenti:

*"Illi mbagħad jekk wieħed iqis id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 550(2) u 646(10) tal- Kodiċi Kriminali, għandu jidher ċar li l-liġi tagħti setgħat indaqs kemm lill-prosekuzzjoni u kif ukoll lill-parti mixlija jew id-difensur tagħha biex jirregolaw l-għoti tax-xiehda meħuda waqt proċess verbal u kif ukoll – u hawn tidħol garanzija ta' ħarsien ta' jedd fundamentali għal smigħ xieraq... Dan, fil-fehma tal-qorti, jolqot ħafna l-ilment tar-rikorrent dwar ksur tal-prinċipju tat-trattament indaqs ("equality of arms"), jekk ma jġibux saħan-sitra fix-xejn."*

20. Fil-ġudizzju esteru mogħti mis-Supreme Court fil-kawża *McInnes v. Her Majesty's Advocate*[7] ġie espress mill-qorti dan il-ħsieb: li l-eżami ta'

5 *Camilleri vs Malta, Application no. 42931/10, deciza mill-European Court of Human Rights fil - 21/01/2013*

6 Il-Pulizija v. Clayton Azzopardi, deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-13/2/2017

7 McInnes v. Her Majesty's Advocate, Supreme Court (Scotland), deciza fil- 10/02/2010

preġudizzju soffert minħabba lack of disclosure ta' xiehda għandu jsir wara l-outcome finali tal-proċeduri penali, it-test użat huwa dak li l-materjal ikkonċernat setax kien tax-natura "which either materially weakens the Crown case or materialy strengthens the case for the defence"; dana għandu jirriżulta fi preġudizzju għad-difiża b'mod tali li dana l-materjal mhux disclosed kien iwassal għal possibiltà reali ta' acquittal.

21. Il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza Ir-Repubblika ta' Malta v. Edwin Cioffi[8] spjegat il-fatt li:

*"flok ma l-kuncetti ta' ammissibilita' u ta' rilevanza jinzammu distinti dak tar-rilevanza qed jigi ekwiparat ghal dak ta' ammissibilita' u provi qed jigu eskluzi bhala irrelevanti qabel ma biss jkunu instemghu u qabel ma l-istess Qorti ta' meritu tkun verament fil-pozizzjoni li tivvaluta sewwa x'ikunu l-facts in issue".*

22. Fil- kawza *J.E.M Investments Ltd. v. Avukat Generali et.*[9] *(30.09.2011) inqal hekk;*

*"id-dritt ghas-smigh xieraq ma jiggarantix il-korrettezza tas-sentenzi fil-meritu izda jiggarantixxi biss l-aderenza ma` certi principji procedurali (indipendenza u imparzjalita` tal-Qorti u tal-gudikant, audi alteram partem u smigh u pronuncjament tas-sentenza fil-pubbliku) li huma konducenti ghall-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja. Il-funzjoni tal- Qorti, fil-gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha, m`hijiex illi tirrevedi s- sentenzi ta` Qrati ohra biex tghid jekk dawn gewx decizi `sewwa` jew le, izda hija limitata ghall-funzjoni li tara jekk dawk is-sentenzi kisrux il- Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni Ewropea".* -

8 *Ir-Repubblika ta' Malta vs. Edwin Cioffi, Qorti tal-Appelli Kriminali (Superjuri), fil- 27/11/1990, Imhallfin Hugh Harding, Joseph Herrera, Carmel Aguis*

9 *J.E.M Investments Ltd. v. Avukat Generali et., Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali fil- 09/11/2010, Imhallef Raymond Pace.*

23. Il-Qorti Kriminali (5/11/2013) fil-Kawza, *The Republic of Malta v. Ana-Maria Beatrice Ciocanel*[10] *stqarret illi:*

*"it is a well established principle that as a rule questions relating to fair trial are to be addressed upon an assessment of the trial as a whole and that it is only at the conclusion of such trial that a proper assessment of whether there has been a fair trial can be made."* -

Isegwi ghalhekk id-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil- 6 ta' Lulju 2017 fejn cahad lil-esponenti milli tressaq tali prova kif wkoll il-fatt li l-Avukat Generali sahansittra ammetta li uza d-diskrezzjoni tieghu sabiex ressaq lill-esponenti separatament minn Nigel John Abela biex cahhadha mid-dritt li tipprezenta l-aqwa xiedha taghha u tiddefendi il-kaz taghha, certament jikkostitwixxi ksur tad-dritt tas-smiegh xieraq protett mil-artikolu 39(1) u (6) (b) u (d) tal-kostituzzjoni ta' Malta u mill-artikolu 6(1) u (3) (b) u (d) tal-konvenzjoni ewropeja tad-drittijiet tal-bniedem.

1.) Tiddikjara li l-procedura li permezz taghha l-Avukat Generali ddecieda arbitrarjament li jressaq lil-ko-akkuzati fi proceduri separati u b'hekk effettivament tefa lill-esponenti f'pozizzjoni zvantaggjata tant li gie lez id-dritt fundamentali ta' l-esponenti ghal-smiegh xierqa kif sancit fl-artikolu 39(1) u (6)(b) u (d) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikolu 6(1) u (3)(b) u (d) tal-Konvenzjoni ghal-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali.

2.) Fit-tieni lok, tiddikjara u tiddeciedi illi bid-decizjoni moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali waqt l-udjenza ta' 6 ta' Lulju 2017 fejn dik il-Qorti iddegretat illi ma tistax tisma lill-Nigel John Abela gie lez id-dritt fundamentali ta' l-esponenti ghal-smiegh xierqa kif sancit fl-artikolu 39(1) u (6) (b) u (d) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikolu 6(1) u (3) (b) u (d) tal-

10 *The Republic of Malta v. Ana-Maria Beatrice Ciocanel, Il-Qorti Kriminali deciza fil- 05/11/2013, Gudikanti Silvio Camilleri, David Scicluna, Joseph Zammit McKeon*

Konvenzjoni ghal-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, dana billi tul il-pendenzi tal-proceduri kien sal-ahhar mument xhud indispensabbli fundamentali ghad-difiza ta' l-esponenti u ghad-determinazzjoni tal-fatti tal-kaz

3.) Fit-tielet lok, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq jew tizgura t-twettiq tal-jeddijiet fundamentali tal-esponenti hekk kif garantiti taht il-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u tal-Kostitutzzjoni ta' Malta u dana taht dawk il-provvedimenti kollha illi dina l-Onorabbli jidhrilha xierqa u opportuni.

4.) Takkorda dawk ir-rimedji effettivi u xierqa fic-cirkostanzi;

Bl-ispejjez.

Rat ir-**Risposta tal-Avukat Generali** prezentata fit-13 ta’ Marzu, 2020 fejn jinghad kif gej:

1. Illi l-ewwel talba mressqa mir-rikorrent mhijiex mistħoqqa għaliex la l-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta** u lanqas l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** ma jiddettaw kif il-prosekuzzjoni għandha tħarrek persuni mixlija b’reati. Bħalma l-prosekuzzjoni għandha kull jedd li tagħżel hi n-natura tal-akkużi li toħroġ kontra persuna, hekk ukoll l-istess prosekuzzjoni għandha kull jedd li tiddeċiedi hi jekk żewġ persuni tixlihomx flimiien fi proċedura waħda jew inkella tixlihomx b’mod mifrud minn xulxin f’żewġ proċeduri differenti;

2. Illi għalkemm taħt il-liġi penali l-prosekuzzjoni u d-difiża għandhom drittijiet u fakoltajiet li ma humiex identiċi, dan ma jfissirx b’daqshekk li hemm ksur tal-prinċipju tal-ugwaljanza tal-armi. Wara kollox, id-distinzjoni bejn il-jeddijiet u l-fakoltajiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiża hija waħda aċċettabbli minħabba l-irwoli differenti li huma għandhom fil-proċeduri kriminali. Hekk ngħidu aħna l-prosekuzzjoni ma tistax tilmenta minn ksur tal-

ugwaljanza tal-armi għaliex ma tistax tħarrek lill-akkużat bħala xhud tagħha. Bl-istess kejl, l-akkużat ma jistax jilmenta minn ksur tal-ugwaljanza tal-arma għaliex il-prosekuzzjoni tista' tagħżel liema kawża tinstema' qabel l-oħra;

3. Illi hija ġurisprudenza miżmuma tal-qrati tagħna li l-prerogattiva tal-prosekuzzjoni li tagħżel l-ordni li fih għandhom jinstemgħu l-kawżi f'każ ta' persuni ko-akkużati ma tiksirx id-dritt għal smigħ xieraq għaliex deċiżjoni bħal dik ma tinċidix fuq il-ħtija jew innoċenza tal-persuna akkużata (ara ***Anthony Bugeja vs. Avukat Ġenerali et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-3 ta' Frar 2014 u ***Gordi Felice vs. Avukat Ġenerali*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Novembru 2017);

4. Illi tassew il-firda fil-proċedimenti bejn ir-rikorrent u Nigel John Abela la xejnu l-jedd tar-rikorrenti li tibqa' preżunta innoċenti sakemm jintwera mod ieħor u lanqas il-jedd tagħha li tibqa' siekta u ma tipprova xejn;

5. Illi lil hemm minn dan kollu, l-esponent jistqarr li huwa mhux qiegħed jifhem għaliex ir-rikorrenti ġiet preġudikata minħabba l-fatt li l-każ tagħha nstema' qabel dak ta' Nigel John Abela. Tabilħaqq l-esponenti qajla jista' jifhem x'vantaġġ proċedurali kienet ħa tikseb ir-rikorrenti li kieku l-każ tagħha nstema' flimkien ma' dak ta' Nigel John Abela. Bl-istess mod, l-esponent qajla jista' jifhem xi żvantaġġ proċedurali ġarrbet ir-rikorrenti minħabba l-fatt li hija tħarrket b'mod separat minn Nigel John Abela. Jitħarrkux flimkien jew le ma kienx ħa jagħmel wisq differenza ladarba Nigel John Abela kellu l-jedd li ma jixhidx biex ma jinkriminax ruħu;

6. Illi f'dan il-kuntest, la l-prosekuzzjoni u lanqas id-difiża ma jistgħu jippretendu taħt l-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** li jġiegħlu terza persuna titla' tixhed, meta dik it-terza persuna tkun soġġetta għall-proċeduri kriminali. Minn daqshekk għalhekk, kemm il-prosekuzzjoni u kif ukoll id-difiża jinsabu fl-istess ilma għall-għanijiet tal-kunċett tal-ugwaljanza tal-għodda;

7. Illi fis-sewwa dak li jiggarantixxu l-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** huwa li d-difiża tressaq ix-xhieda tagħha u li twettaq il-kontro-eżami tax-xhieda miġjuba mill-prosekuzzjoni. Issa jekk terz soġġett għal proċeduri kriminali jagħżel li ma jixhidx, dan mhux dovut minħabba xi nuqqas tal-prosekuzzjoni iżda dan huwa dovut minħabba l-fatt li dak it-terz għandu jedd fundamentali li jibqa' sieket. Id-diskrezzjoni tal-prosekuzzjoni li tagħżel kif tħarrek persuni hija irrilevanti f'dan il-kuntest, b'dana għalhekk li r-rikorrenti ma hija siewja xejn meta tipprova tipponta subgħajha kontra l-prosekuzzjoni minħabba l-mod ta' kif hija għażlet li teżerċita l-jeddijiet li huma mogħtija lilha bil-liġi;

8. Illi t-tieni t-talba tar-rikorrenti bħall-ewwel talba tagħha wkoll ma tistax tiġi milqugħa għaliex il-Qorti tal-Appell Kriminali ma għamlet xejn ħażin kontra l-jedd ta' smigħ xieraq meta ddeċidiet li hija ma tistax tisma' lil Nigel John Abela. Anzi meta għamlet hekk hija kienet qed tħarres appuntu l-garanziji msemmija fl-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea**;

9. Illi taqbel jew ma taqbilx, il-jedd tar-rikorrenti li ttella' lil Nigel John Abela bħala xhud tagħha huwa subordinat għall-jedd akbar ta' Nigel John Abela li jagħżel li ma jixhidx biex [ma] jinkriminax ruħu. Jiġi b'hekk, li ma hemm xejn x'wieħed jiċċensura mill-mod ta' kif imxiet il-Qorti tal-Appell Kriminali;

10. Illi naturalment ladarba r-rikorrenti ma ġarrbet l-ebda ksur tal-jeddijiet invokati minnha, hija ma tista' tikseb l-ebda rimedju minn din l-Onorabbli Qorti kif mitlub minnha fit-tielet u r-raba' talba tagħha;

11. Illi hawnhekk, ta' min iżomm f'moħħu li l-jedd ta' min hu mixli quddiem qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali mhuwiex imsejjes fuq l-illużjoni illi l-proċess irid jitmexxa b'mod li jiggarantixxi eżitu favorevoli għall-akkużat. Sewwasew fil-każ tal-lum ir-rikorrenti kien ħaqqha li teħel għar-reati ta' ħasil ta' flus, ta' ksur ta' sigrieti uffiċjali u ta' pussess tad-droga;

12. Illi bla tlaqliq u b'kuxjenza kwieta l-esponent jisħaq li s-sejbien ta' ħtija tar-rikorrenti kienet waħda tassew mistħoqqa u leġittima meta mqabbla mal-provi miġuba mill-prosekuzzjoni. Kull testimonjanza, li potenzjalment seta' jagħti Nigel John Abela biex jipprova jeħles lir-rikorrenti minn kull ħtija, ma kinitx ħa tkun waħda li wieħed jista' joqgħod fuqha għaliex il-prosekuzzjoni, kif wara kollox ikkonfermaw kemm il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u kif ukoll il-Qorti tal-Appell Kriminali, ġabu provi oġġettivi u biżżejjed tajba biex juri li l-kont bankarju tar-rikorrent kien l-istrument, li bih Nigel John Abela seta' jaħsel flus li huwa kiseb b'mod illegali. Dan tafu wkoll ir-rikorrenti jekk trid tkun sinċiera magħha nfisha;

Għaldaqstant fid-dawl ta' dan kollu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra tagħha.

Rat l-atti tal-kawza;

Rat illi l-atti processwali fl-ismijiet **il-Pulizija vs. Ruth Gatt** gew allegati ma' dan il-process;

Rat illi ghajr ghal dawk l-atti processwali, ir-rikorrenti ma kellha l-ebda prova ohra xi tressaq;

Rat in-Nota tal-Avukat Generaliipprezentata fit-22 ta' Lulju 2020 li permezz taghha ddikjara li m'ghandux provi xi jressaq f'din il-kawza;[11]

Semghet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet fl-udjenza tat-3 ta' Settembru 2020;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

[11] Pagna 121 tal-process.

Ikkunsidrat;

Ir-rikorrenti Ruth Gatt kienet impjegata mad-Dipartiment tal-VAT, l-istess kien certu Nigel John Abela, it-tnejn li huma bi rwol ta' *clerk* f'taqsimiet differenti. Fit-8 ta' Gunju 2007 ir-rikorrenti u Nigel Abela fethu kont bankarju kongunt gewwa l-Bank of Valletta izda wara ftit xhur, proprju fl-4 t'Ottubru 2007, dan il-kont inghalaq. Fit-22 ta' Dicembru 2007 ir-rikorrenti fethet *savings account* mal-bank APS u fil-5 ta' Jannar 2008 fethet *current account* mal-istess bank. Mill-atti tal-procedura kriminali allegati ma' dan il-process, jirrizulta li fis-*savings account* tar-rikorrenti mit-22 ta' Dicembru 2007 sas-6 ta' Settembru 2008 gew depozitati ftit aktar minn sitta u erbghin elf ewro (€46,000), fejn id-depoziti, ghajr ghal €791.99, kienu b'cekkijiet. Il-flus li gew depozitati fil-kont *savings* eventwalment bdew jigu trasferiti ftit ftit ghal kont kurrenti li kienet fethet mal-istess bank.

Fil-11 t'Awwissu 2009 tressqet quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja akkuzata talli f'Marzu 2009, u fix-xhur u s-snin ta' qabel, f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda,

1. Ghamlet atti ta' hasil ta' flus billi:

a. ikkonvertit jew ittrasferit propjetà meta kienet taf li dik il-propjetà kienet direttament jew indirettament inkisbet, jew mir-rikavat ta', attività kriminali jew minn att ta' partecipazzjoni f'attività kriminali, ghall-iskop ta' jew skopijiet ta' habi jew wiri haga b'ohra ta' l-origini tal-propjetà jew ta' ghoti ta' ghajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew koncernati f'attività kriminali, u/jew;

b. hbiet jew uriet haga b'ohra tal-veri xorta, provenjenza, lok, dispozizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq propjetà, meta kienet taf li dik il-propjetà kienet inkisbet direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attività' kriminali, u/jew;

c. akkwistat propjetà meta kienet taf li l-istess propjetà kienet inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attività' kriminali, u/jew;

d. bir-ritensjoni minghajr skuza ragonevoli ta' propjetà meta kienet taf li l-istess propjetà kienet inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attività kriminali, u/jew;

e. ittentat taghmel l-hwejjeg jew attivitajiet illegali fuq imsemmija, agixxiet bhala komplici fit-tifsir ta' l-artikolu 42 tal-Kodici Kriminali rigward xi wahda mill-hwejjeg jew attivitajiet definiti fis-sub paragrafi (i), (ii), (iii), (iv) u (v) tal-Artikolu 3 tal-Kap. 373 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, u cirkostanzi, fil-kapacità taghha ta' ufficcjal jew impjegat pubbliku, minhabba l-istat, professjoni jew kariga taghha, kienet saret id-depozitarju ta' sigriet li kien gie fdat lilha, kixfet dan is-sigriet, hlief fil-kazijiet li fihom il-ligi tobbligaha tgharrafhom lill-awtorità pubblika.

Ir-rikorrenti giet akkuzata wkoll talli fit-3 ta' Marzu 2009, u fil-granet ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer kellha fil-pussess taghha d-droga kokajina, specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kinitx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija.

Il-ko-akkuzat Nigel Abela tressaq fi proceduri separati. Il-prosekuzzjoni resqu diversi xhieda sabiex jissostanzjaw il-kaz taghhom. Fit-12 ta' Frar 2010 l-Avukat Generali talab lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja tisma' lil Nigel John Abela sabiex jixhed fuq il-fatti tal-kaz kif jafhom hu.

Izda waqt is-seduta tat-30 ta' Gunju 2010 l-Ufficjal Prosekutur iddikjara illi l-unika xhud li kien baqa' kien Nigel John Abela "però dan informa lil Prosekuzzjoni li ser jipprevalixxi ruhu mill-fakultà li ma jixhidx."[12]. Fis-seduta sussegwenti mizmuma fl-4 t'Awwissu 2010, "il-Qorti semghet lil Nigel John Abela b'gurament jiddikjara illi huwa ser jipprevalixxi ruhu mid-dritt li mhux ser jixhed f'dawn il-proceduri."[13]

Fil-proceduri kriminali, il-legali tar-rikorrenti ghamel numru ta' kontro-ezamijiet lix-xhieda mressqa mill-prosekuzzjoni, fosthom lill-iSpettur Ian Abdilla. Waqt dan il-kontro-ezami tal-imsemmi xhud mizmum fit-18 ta' Frar 2013, saret referenza ghall-istqarrija ta' Nigel Abela. Kien ghalhekk li waqt is-seduta tat-8 t'April 2013, il-legali tar-rikorrenti "talab li dawn l-istqarrijiet jigu pprezentati fil-proceduri odjerni ai fini ta' kontroll."[14] Ghal din it-talba ma kienx hemm oggezzjoni mill-prosekuzzjoni u ghalhekk fis-seduta tat-22 t'April 2013 gew ipprezentati l-istqarrijiet li rrilaxxa Nigel Abela, wahda tal-4 t'April 2009 u l-ohra tad-29 t'April 2009.

Wara li inghalqu l-provi tal-partijiet u saret it-trattazzjoni quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, l-imsemmija Qorti ghaddiet sabiex fit-23 ta' Marzu 2015 ppronunzjat ruhha dwar il-kaz u sabet lil Ruth Gatt hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontriha "b'dan li ghal dak li jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni qed tinstab hatja bhala awtur, u tikkundannaha tlett snin prigunerija"[15]. Fost id-diversi konsiderazzjonijiet li ghamlet, il-Qorti irrilevat li

> "Nigel Abela tressaq bhala xhud mill-prosekuzzjoni pero, kif kellu dritt jaghmel, huwa prevalixxa ruhu mill-fakolta li ma jixhidx minhabba l-proceduri pendenti kontra tieghu. Fuq talba tad-difiza pero gew esebieti l-istqarrijiet rilaxxjati minn Nigel Abela.

[12] Pagna 590 tal-process kriminali.
[13] Pagna 593 tal-process kriminali.
[14] Pagna 795 tal-process kriminali.
[15] Pagna 940 tal-process kriminali.

Illi huwa ben stabbilit li dak li qal Nigel Abela lill-pulizija fil-kors ta' l-investigazzjoni u li gie riprodott fl-istqarrijiet tieghu jista jintuza bhala prova fil-proceduri kontra tieghu biss, anke jekk kopji taghha huwa esebieti fil-proceduri odjerni."

Spjegat ukoll li

"Illi dwar l-oneru impost fuq il-prosekuzzjoni ghandu jigi rilevat ukoll li wara l-emendi fil-Kapitolu 373 permezz tal-Att XXXI tas-sena 2007 anke is-suspett li l-propjeta jew flus konvertieti ghandhom provenjenza illecieta huwa sufficjenti biex jissussisti r-reat ta' money laundering. Dan ifisser li llum (u fil-kaz in ezami) biex jigi sodisfatt l-element tax-xjenza huwa sufficjenti li l-prosekuzzjoni turi li l-persuna imputata kellha suspett li l-flus (jew propjeta) kienu gejjin minn attivita kriminali.

Illi dan stabbilit il-mistoqsija li trid tigi rizolta fil-kaz in ezami hija dik interposta mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawza hawn fuq kwotata u cioe *fil-kuntest tal-provi illi l-prosekuzzjoni gabet f'dan il-kaz,* (provi biex jippuvaw in-ness bejn il-flus ta' Nigel Abela depozitati fil-kont ta' l-imputata u xi attivita kriminali) *intlahaq dan il-livell ta' "prima facie"? Kien hemm "a case to answer"* biex mbaghad l-oneru tal-prova jdur fuq l-imputata biex tipprova l-origini legittima ta' dawn il-flus.

[...]

Illi konsegwentement il-Qorti hija tal-fehma li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova mhux prima facie, u lanqas fuq bilanc ta' probabilita, imma 'l hemm minn kull dubbju dettat mir-raguni li Abela kien involut f'attivita kriminali u li l-flus depozitati fil-kont ta' l-imputata kienu rikavat minn din l-attivita.

Illi dwar is-sehem ta' l-imputata u "x-xjenza" taghha dwar l-provenjenza illecieta tal-flus hemm diversi fatturi li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni.

Illi jibda biex jinghad li minkejja l-istampa li tipprova tpingi l-imputata li hija persuna ingenwa li ma kellhiex idea x'kien qed jigri fil-hajja ta' Abela u li ma kellhiex idea minn fejn gejjin dak il-flus, il-Qorti hija konvinta li l-imputata kienet taf ferm aktar milli qalet. Minkejja dan il-Qorti ser tirreferi biss ghal fatti li l-imputata zgur kienet konsapevoli taghhom ghaliex huma fatti minnha ammessi.

Illi jirrizulta mill-istqarrija ta' l-imputata li d-depoziti fis-*Savings Account* kienet taghmilhom hi; ghalhekk hija kienet tkun taf x'cekkijiet kienu qed jigu depozitati. Dan ifisser li hi kienet taf mhux biss l-ammonti li qed jigu depozitati imma anke minn kien hareg ic-cekkijiet relattivi. L-imputata kienet taf ukoll li l-paga tal-imputat kienet tidhol f'kont iehor li kien tieghu wahdu; l-imputata kellha impressjoni li l-imputat kien qed jaqla mal-Lm1000 fix-xahar b'l-overtime b'kollox; ic-cekkijiet fuq imsemmija zgur ma kenux parti mis-salarju tieghu. L-imputata kienet taf ukoll li Abela kien qed jirranga xi haga ghal xi nies, haga li lilha kient tinkwieta tant li kienet tghidlu biex joqghod attent minhabba l-job tieghu. L-imputata kienet tahdem fl-istess Dipartiment fejn kien jahdem Abela, cioe d-Dipattiment tal-VAT u bil-fors kienet konxja tan-natura sensittiva tax-xoghol f'dak id-dipartiment. L-imputata kienet taf li Abela kellu problema tad-droga li kienet waslet f'punt fejn Abela kien jikkonsma regolarment u hija ddeskrivitu bhala dizastru. L-imputata taf kemm tiswa d-droga ghaliex hi tghid li l-kokajina li instabet fuq il-persuna taghha kienet xtartaha hi (minghand xi hadd Paceville); dan ifisser li bil-fors kellha idea tajba ta' kemm kien qed jonfoq flus Abela biex jakkwista d-droga li xi kultant hadet minnha hi ukoll. Minbarra li kien qed jonfoq il-flus fid-droga kien (u hi mieghu) qed jghix stil ta' hajja li kien imur ferm oltre l-introjtu legittimu tieghu anke bl-overtime kollu li seta' ghamel. Naturalment wiehed ma jistax jinsa li ghal xi zmien Abela mhux talli ma kienx qed jaghmel overtime imma adirittura ma kienx qed imur xoghol; u dan mhux ghal xi gurnata jew tnejn imma ghal zmien ferm itwal ghaliex l-imputata tghid li lanqas biss kienet taf x'xoghol kien qed jigi assenjat fil-granet li mar ghax-xoghol. F'dan l-istess perjodu Abela kien beda l-process ta' separazzjoni

legali minn ma' martu, process li zgur jinvolvi certu spejjez. Jirrizulta ukoll li f'dan iz-zmien, meta Abela ma kienx qed imur xoghol regolarment u jidher li lanqas kellu xoghol specifiku assenjat lilu, kien icempel lil-imputata (gieli anke darbtejn kuljum) biex jitlobha informazzjoni fuq id-denunzji tan-nies; kien jghidilha li l-informazzjoni jridha ghal xi hbieb.

Illi fid-dawl ta' dawn il-fatti il-Qorti hija konvinta li l-imputata mhux biss kienet tissusspetta imma adirittura kienet taf li c-cekkijiet li Abela ta biex tiddepozitahom fil-kont taghha kellhom provenjenza illecieta u kien propju ghalhekk li hija kienet tghidlu biex joqghod attent."

Ruth Gatt appellat minn dik is-sentenza. Ma tressaq l-ebda aggravju dwar il-fatt li l-Qorti ma semghatx lil Nigel Abela jew li l-istqarrija tieghu ma gietx meqjusa mill-Qorti hija u taghti d-decizjoni taghha. Kien biss waqt l-ewwel seduta quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali mizmuma fl-10 ta' Novembru 2016 meta l-legali "ghall-appellanti qed jirrileva li l-proceduri kontra Nigel Abela li kien jew huwa ko-akkuzat dwar dan il-kaz (ghaddej proceduri separati) jinsabu fi stadju avvanzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Illi konsegwentement jidher li kif tigi determinata l-kawza tieghu l-istat tieghu ta' ko-akkuzat ma jibqax u ghalhekk huwa jkun xhud potenzjalment producibbli u ammissibbli f'din il-kawza"[16] u dan ai termini tal-Artikolu 424 (a) tal-Kapitolu 9. Kien biss izda li b'rikors tas-27 ta' Frar 2017 fejn l-appellanti Ruth Gatt talbet lill-Qorti tawtorizzaha "sabiex tressaq fl-istadju opportun xhud gdid u cioe' Nigel Abela"[17]. Fir-risposta tieghu tat-8 ta' Marzu 2017, l-Avukat Generali oggezzjona li dan jigi permess u dan ghas-segwenti ragunijiet:

a. L-Artikolu 424 (a) tal-Kapitolu 9 m'huwiex applikabbli stante li Nigel Abela ddikjara li ser jipprevalixxi ruhu mill-fakultà li ma jixhidx fil-kaz kontra Ruth Gatt u dan peress li hemm proceduri pendenti kontra tieghu.

[16] Pagna 957 tal-process kriminali.
[17] Pagna 962 tal-process kriminali.

Dawn il-proceduri ghadhom ma gewx konkluzi u ghalhekk l-istat tieghu ta' ko-imputat ghadu jissussisti.

b. L-ebda talba ma saret mir-rikorrenti quddiem l-ewwel qorti sabiex l-istess Qorti tistenna stadju opportun li fih Nigel Abela jkun jista' jixhed u "ghaldaqstant din it-talba ma tistax legalment issir f'dan l-istadju quddiem il-Qorti tal-Appell b'kompetenza ta' Qorti ta' revizjoni"[18].

c. Bi stadju opportun qieghed jinftiehem il-mument li Nigel Abela ma jibqax jigi kkunsidrat bhala ko-imputat u cioe meta l-kaz tieghu jigi deciz b'mod finali. L-Avukat Generali spjega li ghal tlett snin u nofs ma kienx hemm l-ebda zvilupp fil-kawza kontra Nigel Abela u dan peress li sabiex il-prosekuzzjoni tipprova l-kaz taghha skont il-ligi, hasset li jkun aktar opportun li qabel ma taghlaq il-provi taghha fil-kaz ta' Nigel Abela, ghandha tressaq fost ohrajn lil Ruth Gatt bhala xhud li sal-lum ghada ma xehditx peress li ghandha appell pendenti u peress li "r-rikorrenti [kienet] diga ddikjarat li mhux se tixhed fil-kaz kontra Nigel John Abela in vista tal-proceduri pendenti kontriha"[19].

d. Gie spjegat li bit-talba ta' Ruth Gatt twassal sabiex ikun hemm stagnar tal-proceduri peress li l-ebda kaz ma jkun jista' jimxi 'l quddiem u jigi deciz b'mod finali.

B'digriet tas-6 ta' Lulju 2017, il-Qorti tal-Appell Kriminali r-riskontrat ruhha ma' zewg diffikultajiet – fl-ewwel lok il-proceduri kontra Nigel Abela ghadhom pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati u ghaldaqstant dan ma jistax jitressaq bhala xhud u sabiex ikun jista' jitressaq bhala xhud jehtieg ezitu tal-istadji kollha tal-proceduri miftuha mill-istess imputat; fit-tieni lok l-Artikolu 424 tal-Kapitolu 9 ghandu jinghata interpretazzjoni stretta u dan "in omagg ghall-principju li l-appell ghandu jsir primarjament a bazi tal-provi li jkunu nstemghu mill-ewwel qorti"[20] u ghalhekk ma jistghux jingibu provi godda fi stadju t'appell. Il-Qorti t'Appell laqghet is-sottomissjoni tal-Avukat Generali li l-appellanti ma resqitx talba quddiem l-ewwel Qorti sabiex jitressaq Nigel Abela bhala xhud fi stadju opportun u "ghalhekk it-talba

---

[18] Pagna 964 tal-process kriminali.
[19] Pagna 965 tal-process kriminali.
[20] Pagna 972 tal-process kriminali.

taghha llum tista biss titqies bhala forma ta' appell fuq punt li ma kienx jifforma parti mid-decizjoni tal-ewwel Qorti."[21] Il-Qorti tal-Appell osservat ukoll li hemm diversi incertezzi fosthom jekk Nigel Abela kienx dispost li jixhed wara li l-proceduri kontrih jigu konkluzi kif ukoll il-fatt li l-proceduri kontra Nigel Abela ghadhom pendenti ghaliex il-proceduri kontriha ghadhom pendenti, b'dan ghalhekk jekk it-talba ta' Ruth Gatt tigi milqugha ifisser li jkun hemm delungar indefinit ta' dawn il-proceduri. Il-Qorti tal-Appell ghalhekk ghaddiet sabiex cahdet it-talba tar-rikorrenti, appellanti f'dawk il-proceduri.

Il-Qorti tal-Appell wara li semghet il-partijiet jittrattaw ghaddiet sabiex tat is-sentenza taghha fit-28 ta' Novembru 2019 fejn l-appell gie michud ghajr ghall-fatt li giet ridotta l-piena karcerarja ghal sentejn u sitt xhur.

In segwietu ghal dik is-sentenza, Ruth Gatt intavolat il-proceduri odjerni fejn permezz taghha qieghda tillamenta li d-diskrezzjoni tal-prosekuzzjoni sabiex iressqu lil ko-akkuzati fi proceduri separati waslet sabiex poggiet lir-rikorrenti f'qaghda zvantagguza tant li tallega li gie lez id-dritt ghal smiegh xieraq sancit fl-**Artikolu 39 (1) u (6) (b) u (d) tal-Kostituzzjoni** u l-**Artikolu 6 (1) u 3 (b) u (d) tal-Konvenzjoni ghal Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali** u dan minhabba l-fatt li Nigel Abela ma setax jitressaq bhala xhud fil-proceduri li kienu qeghdin jinstemghu kontriha. Konsegwentement, qieghda titlob ukoll lil din il-Qorti tiddikjara u tiddeciedi li bid-decizjoni tas-6 ta' Lulju 2017 tal-Qorti tal-Appell Kriminali gie lez id-dritt ghal smigh xieraq a bazi tal-artikoli su-indikati u dan "billi tul il-pendenzi tal-proceduri kien sal-ahhar mument xhud indispensabbli fundamentali ghad-difiza ta' l-esponenti u ghad-determinazzjoni tal-fatti tal-kaz."[22]

[21] Pagna 973 tal-process kriminali.
[22] Pagna 9 tal-process.

Ikkunsidrat;

Il-provvedimenti kostituzzjonali li fuqhom qieghda tibbaza l-azzjoni r-rikorrenti jipprovdu s-segwenti:

> "39.(1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi.
>
> [...]
>
> (6) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali –
>
> [...]
>
> (b) għandu jiġi mogħti żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu;
>
> [...]
>
> (d) għandu jiġi mogħti faċilitajiet biex jeżamina personalment jew permezz tar-rappreżentant legali tiegħu x-xhieda msejħa mill-prosekuzzjoni quddiem kull qorti u li jikseb l-attendenza ta' xhieda suġġett għall-ħlas tal-ispejjeż raġonevoli tagħhom, u jagħmel l-eżami tax-xhieda li jkunu ser jixhdu għalih quddiem il-qorti bl-istess kondizzjonijiet bħal dawk li jgħoddu għal xhieda msejħa mill-prosekuzzjoni;"

L-Artikolu ekwivalenti ghal dan fil-**Kapitolu 319 (Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea), cioe l-Artikolu 6 (1) u (3)(b) u (d)** jaqra hekk:

> "(1) Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa

u l-pubbliku jista' jiġi eskluż mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f'soċjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċità tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja.

(3) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin:

[...]

(b) li jkollu żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu;

[...]

(d) li jeżamina jew li jara li jiġu eżaminati xhieda kontra tiegħu u li jottjeni l-attendenza u l-eżami ta' xhieda favur tiegħu taħt l-istess kundizzjonijiet bħax-xhieda kontra tiegħu;"

Ikkunsidrat;

- ***Ugwaljanza tal-armi (equality of arms)***

Il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawza fl-ismijiet **Kress v. France** (Appl Nru 39594/98) deciza fis-7 ta' Gunju 2001 spjegat li l-principju tal-ugwaljanza tal-armi '*requires each party to be given a reasonable opportunity to present his case under conditions that do not place him at a substantial disadvantage vis-à-vis his opponent*'.

**Karen Reid** fl-ahhar edizzjoni, cioe s-sitt edizzjoni (2019), tal-ktieb ***A Practioner's Guide to the European Convention on Human Rights*** spjegat li ugwaljanza tal-armi "*implies that each party must be afforded a reasonable*

*opportunity to present his case – including his evidence – under conditions which do not place him at a substantial disadvantage vis-a-vis his opponent.”*[23]

Ir-rikorrenti tillamenta li gie lez id-dritt taghha ta' smigh xieraq u dan fuq il-pretest li ma giex imharres il-principju tal-ugwaljanza tal-armi. Tispjega li dan il-principju ma giex imhares mill-mument li l-Avukat Generali haddem id-diskrezzjoni moghti lilu u cioe d-diskrezzjoni li jissepara l-proceduri ta' zewg ko-akkuzati jew aktar. Fi kliem iehor ir-rikorrenti tikkontesta li minhabba l-fatt li l-Avukat Generali issepara l-proceduri taghha minn dawk ta' Nigel Abela hija giet zvantagjata. Mill-qari tar-rikors, wiehed jifhem illi r-rikorrenti qed tillamenta li ma setghetx tressaq lil Nigel Abela bhala xhud taghha ghaliex il-proceduri kienu separati u l-proceduri penali kontra Nigel Abela hadu pawsa sabiex jilhqu jigu konkluzi l-proceduri penali kontra r-rikorrenti. Dan l-ilment johrog car ukoll mill-ewwel talba tar-rikorrenti meta titlob lil din il-Qorti tiddeciedi li "l-Avukat Generali ddecieda arbitrarjament li jressaq lil ko-akkuzati fi proceduri separati u b'hekk tefa lill-esponenti f'pozizzjoni zvantaggjata" ghaliex ma setghetx tressaq lil Nigel Abela, xhud indispensabbli ghaliha. Fit-trattazzjoni finali, apparti li ssejjes l-argument principali taghha fuq il-fatt li hija qatt ma setghet tressaq lil Nigel Abela jixhed fil-kawza taghha ghaliex il-proceduri kienu ghaddejjien separati, fir-replika hija tghid li

> "l-ghodda m'humiex differenti, is-sitwazzjoni hija differenti minhabb li l-percimess [b'referenza ghal Nigel Abela] ghandu dritt li jeżamina, il-percimess ghandu d-dritt li jisma' x-xhieda taghha waqt li hi ma kellhiex id-dritt li tisma' x-xhieda tal-percimess [...] bid-differenza jekk tressqux separatament jew tressqux flimkien hija fil-fatt il-verità li kieku tressqu flimkien is-sitwazzjoni kienet tkun li l-ko-akkuzati ma jistghu jixhdu qatt kontro xulxin; is-sitwazzjoni però llum qieghda mhux li ma jistghu jixhdu qatt kontra xulxin però tressqu separamant u allura l-ko-akkuzat l-iehor ma jistax jixhed fil-proceduri fil-konfront taghha però hi tkun ben possibbli li

[23] Pagna 191 tal-ktieb.

> l-prosekuzzjoni jgibuha bhala xhud fil-proceduri l-ohra, jigifieri le, kieku l-proceduri tressqu flimkien is-sitwazzjoni kienet tkun differenti ghaliex ix-xhieda tal-ko-akkuzat ma kienet tkun ammissibbli qatt; f'dan il-kaz ix-xhieda tal-ko-akkuzat hija ammissibbli f'kaz wiehed u fil-kaz l-iehor kumbinazzjoni m'huwiex konvenjentament."

Ghalhekk dak li r-rikorrenti qieghda tghid huwa li l-Avukat Generali ma messux haddem id-diskrezzjoni tieghu u li l-proceduri ta' Nigel Abela u taghha kellhom jinstemghu fi procedura wahda u mhux separata. Din il-Qorti tifhem li din il-pretensjoni r-rikorrenti qieghda taghmilha bil-hsieb li tkun tista' tressaq lil Nigel Abela bhala xhud taghha u bhal donnu sabiex tikkontesta l-ammissibilta tax-xhieda taghha fil-proceduri li mixjin kontra Nigel Abela.

Qabel din il-Qorti tghaddi sabiex tiddelibera dwar id-diskrezzjoni li ghandu l-Avukat Generali, jehtieg li din il-Qorti tanalizza jekk l-allegat lezjoni kienx ikun rimedjat li kieku il-proceduri kontra Nigel Abela u r-rikorrenti ma tmexxewx b'mod separat.

Preliminarjament din il-Qorti tosserva li kemm Nigel Abela kif ukoll Ruth Gatt tressqu quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja b'mod separat – ghaldaqstant is-separazzjoni fil-proceduri kienet mill-bidu nett. Din il-Qorti tosserva wkoll li nonostante li r-rikorrenti qieset lil Nigel Abela bhala "xhud indispensabbli" ghaliha, hi qatt ma talbet lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bahala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tissospendi l-proceduri kontra taghha sabiex tkun tista' tressaq fi stadju opportun lil Nigel Abela bhala xhud taghha. Din il-Qorti tqis li kieku huwa minnu li x-xhud huwa wiehed indispensabbli, id-difiza kienet titlob li jitressaq bhala xhud mill-bidu tal-proceduri. Kien biss wara li r-rikorrenti instabet hatja tal-akkuzi migjuba kontriha u wara li inghatat sentenza karcerarja li talbet li l-appell ghandu jistenna l-konkluzjoni tal-proceduri kontra Nigel Abela sabiex tkun tista' tressqu bhala xhud taghha. Maghdud ma' dan, Ruth Gatt qatt ma wriet it-thassib taghha quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) kemm bhala Qorti Istrittura kif ukoll bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u wisq anqas quddiem

il-Qorti tal-Appell Kriminali ghall-fatt li l-proceduri taghha u ta' Nigel Abela kienu mixjin separatament.

Fid-dawl ta' l-andament kif mexxiet l-ilmenti taghha r-rikorrenti, din il-Qorti, tirreferi ghal dak li gie osservat minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Anthony Bugeja vs. Avukat Generali et** (Rik Kost 19/2009JRM), decizjoni ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fit-3 ta' Frar 2014:

> "il-Qorti tqis li huwa siewi ħafna li tgħid li "l-jedd li jagħtu l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni huwa dak għal smigħ xieraq: ma hemm ebda jedd li kull min hu akkużat b'reat kriminali jiġi liberat minn dik l-akkuża, jew li l-akkużat jingħata l-mezzi biex, ħati jew mhux, jinħeles mill-akkuża, jew li, minħabba xi irregolarità, tkun xi tkun, min fuq il-fatti għandu jinstab ħati għandu jitħalla jaħrab il-konsegwenzi ta' għemilu. Il-jedd għal smigħ xieraq jingħata kemm biex, wara proċess fi żmien raġonevoli u bil-garanziji xierqa, min ma huwiex ħati ma jeħilx bi ħtija, u biex jingħata l-mezzi kollha meħtieġa għalhekk, u kemm biex min huwa tassew ħati ma jaħrabx il-konsegwenzi tal-ħtija tiegħu. Il-jedd għal smigħ xieraq ma jingħatax biex min hu tassew ħati jasal biex, b'xi mod jew b'ieħor, ma jweġibx tal-ħtija tiegħu. Jekk il-jedd għal smigħ xieraq, kif interpretat u applikat, iwassal għal hekk, mela hemm xi ħaġa ħażina ħafna fis-sistema tal-ħarsien tad-drittijiet".

Ghaldaqstant, id-dritt ta' smigh xieraq mhux qieghed hemm sabiex min hu akkuzat jigi skolpit mill-htija. Dan il-jedd lanqas m'hu qieghed hemm sabiex din il-qorti tagixxi bhala *terzo appello;* din il-Qorti ghandha biss kompetenza tizgura li l-jedd ta' smigh xieraq gie mharres waqt il-proceduri penali in dizamina. Dan il-hsieb jghodd perfettament ghat-tieni talba tar-rikorrenti. F'dan ir-rigward il-Qorti tosserva li r-rikorrenti naqset milli tispjega kemm fir-rikors promotur kemm ukoll waqt it-trattazzjoni kif bid-digriet tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-6 ta' Lulju 2017 gie lez id-dritt ta' smigh xieraq. Il-konsiderazzjonijiet li ser isegwu juru kif il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet gusta fid-decizjoni taghha meta cahdet it-talba ta' Ruth Gatt sabiex tigi

sospiza l-kawza kontriha sakemm tigi konkluza d-decizjoni kontra Nigel Abela.

Sabiex jigu trattati l-ilmenti tar-rikorrenti jehtieg li ssir referenza ghall-ewwel zewg paragrafi tal-**Artikolu 636,** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fejn jipprovdu li

> "Ebda eċċezzjoni dwar il-kompetenza ta' xhud ma tiġi milqugħa minħabba –
>
> (a) li milli jistqarr huwa nnifsu, jew xort'oħra, jinsab li huwa kien sar ħati ta' reat jew li b'xi mod kien ġie misjub ħati, ikkundannat, imċanfar, jew imwaħħal piena minn qorti jew awtorità oħra; jew
>
> (b) li kien imputat tal-istess reat li fuqu tkun meħtieġa x-xiehda tiegħu, meta l-Gvern ikun wegħdu jew tah l-impunità sabiex hekk ikun jista' jixhed;"

Dawn iz-zewg paragrafi gew analizzati diversi drabi mill-qrati nostrani. Mill-gurisprudenza kopjuza jidher car li fejn persuni li jkunu akkuzati bl-istess reat, kemm jekk fi proceduri separati kif ukoll jekk fi procedura wahda, dawk il-persuni ma jkunux meqjusa bhala xhieda producibbli kontro ko-akkuzati jew ko-imputati ohrajn, hlief meta l-process tax-xhud ikun gie deciz definittivament.

Din il-Qorti ser taghmel referenza ghal uhud minn dawn is-sentenzi. Tibda billi taghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Omissis u Saada Sammut** moghtija fis-16 ta' Novembru 2006 fejn l-Onor. Imhallef J. Galea Debono spjega li:

> "Hekk di fatti kien gie ritenut mill-Qorti Kriminali b'Digriet tat-22 ta' Dicembru, 1998 fil-kawza "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ian Farrugia". Dik il-Qorti, f'dak id-Digriet, wara li ghamlet riferenza ghall-gurisprudenza hemm citata, rriteniet li persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif

> ukoll bhala ko-awtur, bl-istess reat migjub kontra dak l-akkuzat l-iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuzat l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz u li dan il-principju japplika sija jekk dik il-persuna tkun giet akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor – b' mod li jkun hemm "koakkuzati" fil-veru sens tal-kelma – u sija jekk tkun akkuzata fi proceduri separati. Il-bazi ta' dan il-principju hu l-argument "a contrario sensu" li jitnissel mill-paragrafu (b) tal-Artikolu 636 tal-Kodici Kriminali. Konsegwentement dik il-Qorti kienet iddecidiet li dak ix-xhud li kien akkuzat bhala ko-awtur bl-istess reat li bih l-akkuzat kien jinsab akkuzat, ma hux kompetenti li jixhed, qabel ma l-kaz tieghu jghaddi in gudikat. (Ara ukoll fl-istess sens Digriet tal-Qorti Kriminali fil-kawza "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Brian Vella" [4.2.2004] u ohrajn.) L-unika eccezzjoni ghal dir-regola hi proprju dik kontenuta fl-art. 636 (b) li tirrendi tali xhud kompetenti biex jixhed ghalkemm ikun imputat tal-istess reat li fuqu tkun mehtiega x-xhieda tieghu, meta l-Gvern ikun weghdu jew tah l-impunita' sabiex hekk ikun jista' jixhed.
>
> Ghalhekk, f'dan il-kaz hu ovvju li ladarba l-appellanti w Tarek Ayari kienu ko-imputati w akkuzati bl-istess reat, mhux biss l-istqarriji taghhom rispettivi ma setghux jaghmlu prova kontra l-ko-imputat/a imma lanqas ix-xhieda li taw quddiem l-Ewwel Qorti ma setghu jitqiesu bhala prova fil-konfront tal-ko-imputat jew ko-imputata l-ohra."

Il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Domenic Zammit et** deciza fil-31 ta' Lulju 1998 stqarret li:

> "Kwantu ghal dawk ix-xhieda li qed jintalbu mill-ko-akkuzati, il-gurisprudenza, ibbazata kemm fuq il-ligi kif ukoll fuq il-buon sens, hi cara. Persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala ko-awtur, bl-istess reat migjub kontra akkuzat iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuzat l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz. Dan il-principju japplika sia jekk dik il-persuna tkun

akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor – b'mod li jkun hemm "ko-akkuzat" fil-veru sens tal-kelma – u sia jekk tkun giet akkuzata fi proceduri separati. Fi kliem il-kompjant Imhallef William Harding:

"*Maltese law, in fact, in section 632, Chapter 12 (Illum 636; Kap. 9), considers as incompetent to give evidence (except of course, on his own behalf) anyone charged with the same offence in respect of which his deposition is required, unless the proceedings against him are put an end to. Maltese law does not make any distinction as to whether the evidence of the co-defendant is required by the prosecution or by another defendant.*""

Referenza ghandha ssir ukoll ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Carmelo Camilleri u Theresa Agius** per Imħallef Vincent DeGaetano tal-11 ta' Lulju 1997:

"Hu prinċipju elementari tad-dritt ta' proċedura penali tagħna li dak li jistqarr ko-akkużat, sia jekk bil-fomm biss u sia jekk bil-miktub, ma jagħmilx prova la favur u anqas kontra ko-akkużat ieħor. Dan il-prinċipju jitnissel kemm mill-Artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll mill-Artikolu 636 (b) tal-imsemmi Kodiċi. Infatti l-ġurisprudenza tagħna rrikonoxxiet ukoll l-inammissibilità tax-xhieda tal-ko-akkużat kemm-il darba l-każ tiegħu ma jkunx ġie definittivament konkluż".

F'din is-sentenza il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) waslet sabiex illiberat lill-akkuzat minn wahda mill-imputazzjonijiet ghaliex l-ewwel Qorti sabet lil Carmelo Camilleri hati ta' l-ewwel imputazzjoni fuq dak li inghad minn ko-akkuzat.

Sentenzi ohra ricenti f'dan ir-rigward jinkludu **Il-Pulizija vs. Joseph Galea et** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-26 ta' Settembru 2016; **Il-Pulizija vs. Joseph Buttigieg et** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fit-3 t'Ottubru 2018; **Il-Pulizija vs. Anthony Galea et** deciza mill-

Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-25 ta' Marzu 2019.

Ikkunsidrat;

Illi sabiex jinghad li kien hemm ksur tal-principju tal-ugwaljanza ta' l-armi jrid jintwera li l-izvantagg kien wiehed sostanzjali. Inoltre meta qed jigi trattat il-principju tal-ugwaljanza tal-armi, din il-Qorti tqis li dan il-principju huwa applikabbli bejn il-partijiet fl-istess kawza u mhux bejn parti f'kawza u parti ohra f'kawza ohra. F'dan l-ahhar cirkostanza non si tratta ta' ilment ta' dizugwaljanza fl-armi izda ilment dwar diskriminazzjoni. Huwa minnu li l-principju ta' *equality of arms* jesigi li kull parti ghandha tinghata l-opportunità li tressaq ix-xhieda taghha u li taghmel il-kontro-ezamijiet mehtiega. Il-possibilità li tressaq xhud fi proceduri ta' natura kriminali tiddependi però fuq jekk dak ix-xhud huwiex ser jilledi wiehed mid-drittijiet fundamentali tieghu jekk jixhed, fosthom il-jedd li ma jikkriminax lilu nnifsu b'dak li jghid kemm fil-proceduri li mixjin kontrih kif ukoll fi proceduri ta' terzi, inkluz ko-akkuzat[24].

Dan il-punt legali jigi allacjat ma' dak li inghad mir-rikorrenti fit-trattazzjoni finali fejn tat x'tifhem li Nigel Abela qatt ma ried jitressaq bhala xhud min-naha tal-Prosekuzzjoni u li Ruth Gatt qatt ma inghatat l-opportunità li tressaq lil Abela bhala xhud taghha. Hija tinsisti li Nigel Abela qatt ma telgha fuq il-pedana tax-xhieda u ghamel dikjarazzjoni li huwa ma riedx jixhed fil-proceduri kontra taghha sabiex ma jinkriminax lilu nnifsu. Mill-qari tal-process kriminali allegat mal-process tal-kawza kostituzzjoni odjerna li din il-Qorti ezaminat b'reqqa tasal sabiex tikkonkludi illi tali ilment da parti tar-rikorrenti huwa kompletament infondat u jmur kontra dak li jirrizulta mill-atti processwali tal-process penali. Jirrizulta minghajr ebda ombra ta' dubju li l-prosekuzzjoni riedet tressaq lil Nigel Abela bhala xhud taghha fil-proceduri kontra r-rikorrenti tant li fit-12 ta' Frar 2010 l-Avukat Generali talab lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja tisma' lil Nigel John Abela

[24] Ara **Paci v. Belgium** (Appl Nru 45597/09) deciza fis-17 t'April 2018 specifikament paragrafu 85.

sabiex jixhed fuq il-fatti tal-kaz kif jafhom hu. Waqt is-seduta tat-30 ta' Gunju 2010 l-Ufficcjal Prosekutur iddikjara illi l-unika xhud li kien baqa' kien Nigel John Abela "però dan informa lil Prosekuzzjoni li ser jipprevalixxi ruhu mill-fakultà li ma jixhidx."[25]. Fis-seduta sussegwenti mizmuma fl-4 t'Awwissu 2010, "il-Qorti semghet lil Nigel John Abela b'gurament jiddikjara illi huwa ser jipprevalixxi ruhu mid-dritt li mhux ser jixhed f'dawn il-proceduri."[26] Ir-rikorrenti hija ghalhekk skorretta meta tghid li hija giet imcahhda milli tressaq lil Nigel Abela bhala xhud taghha – kienet biss ghazla tas-Sur Abela li ma jixhidx.[27] Huwa ghalhekk li bhal mar-rikorrenti ma kellha l-ebda opportunità li tressaq lil Nigel Abela bhala xhud, lanqas il-prosekuzzjoni ma kellha dik l-opportunità. Il-Qorti tqis li ma rrizultalhiex li kienet kwistjoni fejn il-Prosekuzzjoni setghet tressaq lix-xhud izda ma resqitux – jirrizulta li l-intendiment kien li huwa jkun wiehed mix-xhieda taghha; irrizultalha wkoll li l-Prosekuzzjoni ma sabet l-ebda oggezzjoni sabiex tigi pprezentata l-istqarrija ta' Nigel Abela fil-procedura li kienet mixja kontra r-rikorrenti.

In oltre, b'applikazzjoni tal-iskorta tad-decizjonijiet su-citati, jidher ferm car li l-ebda xhieda moghtija minn ko-akkuzat iehor ma tista' tintuza lanqas jekk l-akkuzati gew imressqa kollha fi procedura wahda. Din il-Qorti ghalhekk tqis li l-ebda zvantagg wisq aktar zvantagg **sostanzjali** ma soffriet ir-rikorrenti meta l-prosekuzzjoni ddecidiet li tressaq lil ko-akkuzati fi proceduri separati. Dan jinghad ghaliex anke li kieku l-prosekuzzjoni ma uzatx id-diskrezzjoni taghha li tissepara l-proceduri, kif qieghda tippretendi r-rikorrenti li sar, xorta wahda ir-rikorrenti ma kinitx tkun tista' taghmel uzu mix-xhieda moghtija mill-ko-akkuzat, jekk wara kollox kien jiehu l-pedana tax-xhieda. Dan

---

[25] Pagna 590 tal-process kriminali.

[26] Pagna 593 tal-process kriminali.

[27] Fis-sentenza **Saunders v. the United Kingdom** (Appl Nru 19187/91) deciza fis-17 ta' Dicembru 1996 gie ritenut li "although not specifically mentioned in Article 6 of the Convention the right to silence and the right not to incriminate oneself are generally recognised international standards which lie at the heart of the notion of a fair procedure under Article 6". Fis-sentenza Unterpertinger v. Austria (Appl. Nru 9120/80) deciza fl-24 ta' Novembru 1986 gie ukoll spejag li "30. *When called by the Innsbruck Regional Court, Mrs. Unterpertinger and Miss Tappeiner refused to give evidence, as they were entitled to do by virtue of Article 152(1)(1) of the Austrian Code of Criminal Procedure [...]. This accordingly prevented the trial judge from hearing them as witnesses and prevented the defence - and the prosecution - from examining them during the oral proceedings. As such, the provision manifestly is not incompatible with Article 6 §§ 1 and 3 (d) (art. 6-1, art. 6-3-d) of the Convention.*"

jinghad ghaliex ir-rikorrenti ma gabet l-ebda prova li Nigel Abela kien sejjer jixhed li kieku l-proceduri imxew flimkien. Anzi l-provi juri l-kuntrarju.

Il-Qorti tal-Magistrati gustament irrifjutat li tiehu konjizzjoni tal-istqarrija ta' Nigel Abela. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (minn issa 'l quddiem QEDB) diversi drabi rriteniet[28] li jkun hemm ksur tal-Artikolu 6 meta l-htija ta' akkuzat tkun msejsa fuq stqarrija ta' ko-akkuzat iehor li ta' l-ewwel ma jkollux opportunita' li jressaq sabiex jixhed dwar dak li inghad fl-istqarrija. Din hija regola li tapplika b'rispett lejn il-principju tal-*equality of arms*. Huwa inawdit li d-difiza tippretendi li l-Qorti tikkunsidra stqarrija ta' ko-akkuzat ammissibbli ghax fiha stqarrijiet li possibbilment jiffavorixxu lil dak l-akkuza. Kieku dan ix-xenarju kien possibbli, il-principju tal-ugwalita` tal-armi kien jingib fix-xejn. Lanqas ma jregi l-argument li l-istqarrija ta' Nigel Abela kellha tigi meqjusa ghaliex dak il-ko-akkuzat ma setax jitla' jixhed ghax kien hemm proceduri kontra tieghu. Li kieku din il-Qorti kellha tabbraccja l-hsieb tar-rikorrenti, tkun qieghda tmur proprju kontra dak li jitlob il-principju tal-ugwalita tal-armi fejn il-partijiet kollha jinghataw l-opportunità li jaghmlu ezami u kontro-ezami tal-persuni li tressqu f'dik il-kawza.

Dato ma non concesso li l-istqarrija kellha tigi kkunsidrata f'sitwazzjoni deskritta mir-rikorrenti, l-opportunità li l-prosekuzzjoni tezercita d-dritt taghha li taghmel ezami u/jew kontro-ezami ta' dak il-ko-akkuzat li rilaxxa l-istqarrija prezentata, certament li jigi mxellef, proprju minhabba dak li inghad aktar 'il fuq, cioe il-jedd li ko-akkuzat jaghzel li ma jixhidx sabiex ma jkunx inkriminat. Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal dak li jinghad f'sentenza ewlenija tal-QEDB fl-ismijiet **Luca v. Italja** (Appl Nru 33354/96 deciza fis-27 ta' Frar 2001:

> *"40. As the Court has stated on a number of occasions (see, among other authorities, Isgrò v. Italy, judgment of 19 February 1991, Series A no. 194-A, p. 12, § 34, and Lüdi, cited above, p. 21, § 47), it may prove necessary*

[28] Referenza ghal din il-gurisprudenza saret aktar 'l quddiem.

*in certain circumstances to refer to depositions made during the investigative stage (in particular, where a witness refuses to repeat his deposition in public owing to fears for his safety, a not infrequent occurrence in trials concerning Mafia-type organisations). If the defendant has been given an adequate and proper opportunity to challenge the depositions, either when made or at a later stage, their admission in evidence will not in itself contravene Article 6 §§ 1 and 3 (d). The corollary of that, however, is that where a conviction is based solely or to a decisive degree on depositions that have been made by a person whom the accused has had no opportunity to examine or to have examined, whether during the investigation or at the trial, the rights of the defence are restricted to an extent that is incompatible with the guarantees provided by Article 6 (see Unterpertinger v. Austria, judgment of 24 November 1986, Series A no. 110, pp. 14-15, §§ 31-33; Saïdi v. France, judgment of 20 September 1993, Series A no. 261-C, pp. 56-57, §§ 43-44; and Van Mechelen and Others, cited above, p. 712, § 55; see also Dorigo v. Italy, application no. 33286/96, Commission's report of 9 September 1998, § 43, unpublished, and, on the same case, Committee of Ministers Resolution DH (99) 258 of 15 April 1999)."*

Sentenza ohra ta' relevanza moghija mill-QEDB hija **Al-Khawaja and Tahery v. the United Kingdom** [GC], (Appl Nru 26766/05 u 22228/06, deciza fil-15 ta' Dicembru 2011:

*"118. The Court recalls that the guarantees in paragraph 3(d) of Article 6 are specific aspects of the right to a fair hearing set forth in paragraph 1 of this provision which must be taken into account in any assessment of the fairness of proceedings. In addition, the Court's primary concern under Article 6 § 1 is to evaluate the overall fairness of the criminal proceedings (...). In making this assessment the Court will look at the proceedings as a whole having regard to the rights of the defence but also to the interests of the public and the victims that crime is properly prosecuted (...) and, where necessary, to the rights of witnesses (...). It is*

*also recalled in this context that the admissibility of evidence is a matter for regulation by national law and the national courts and that the Court's only concern is to examine whether the proceedings have been conducted fairly (...).*

*Article 6 § 3(d) enshrines the principle that, before an accused can be convicted, all evidence against him must normally be produced in his presence at a public hearing with a view to adversarial argument. Exceptions to this principle are possible but must not infringe the rights of the defence, which, as a rule, require that the accused should be given an adequate and proper opportunity to challenge and question a witness against him, either when that witness makes his statement or at a later stage of proceedings (...).*

*[...]*

*119. Having regard to the Court's case-law, there are two requirements which follow from the above general principle. First, there must be a good reason for the non-attendance of a witness. Second, when a conviction is based solely or to a decisive degree on depositions that have been made by a person whom the accused has had no opportunity to examine or to have examined, whether during the investigation or at the trial, the rights of the defence may be restricted to an extent that is incompatible with the guarantees provided by Article 6 (the so-called 'sole or decisive rule')."*

Fid-dawl ta' dak li gie kkunsidrat hawn fuq, din il-Qorti tikkonkludi li r-rikorrenti ma soffriet l-ebda zvantagg sostanzjali bil-fatt li l-proceduri mxew separatament ghaliex la d-difiza u lanqas il-prosekuzzjoni ma kellhom l-opportunità li jaghmlu l-mistoqsijiet taghhom lil Nigel Abela stante li dan tal-ahhar ghazel li ma jixhidx. Ir-rikorrenti lanqas ma tista' tghid li giet zvantaggjata ghaliex il-proceduri itmexxew b'mod separat u ghalhekk ma setghetx tressaq ix-"xhud indispensabbli" li kellha d-difiza. Din il-Qorti tqis

li anke li kieku l-proceduri tmexxew flimkien, kif qieghda tippretendi r-rikorrenti, is-sitwazzjoni taghha ma kinitx sejra titjieb u dan ghar-ragunijiet spjegati fid-dettal aktar 'l fuq.

Ikkunsidrat;

- ***Diskrezzjoni tal-Avukat Generali***

Deciz illi r-rikorrenti ma sofriet l-ebda zvantagg sostanzjali meta l-proceduri taghha ma mxewx fi procedura wahda ma' dik ta' Nigel Abela, din il-Qorti sejra tghaddi sabiex tqis jekk l-Avukat Generali abbuzax mid-diskrezzjoni li huwa jgawdi minnha meta ddecieda li l-proceduri ghandhom jigu mizmuma separatament.

Tibda billi in tema legali taghmel referenza ghall-kawza gia imsemmija fl-ismijiet **Anthony Bugeja vs. Avukat Generali et** fejn gie osservat li

> "Illi l-prinċipju tal-"*equality of arms*", fil-qafas ta' proċediment kriminali "*where the very character of the proceedings involves a fundamental inequality of the parties, ... entails that the parties must have the same access to the records and other documents pertaining to the case, at least insofar as these may play a part in the formation of the court's opinion. ... Each party must be given the opportunity to oppose the arguments advanced by the other party. ... The principle further entails that the parties are afforded the same opportunity to summon witnesses. ... In addition, the parties must have the same possibility to call experts and these should in turn receive the same treatment*". Dawn jidher li huma l-garanziji mistennija biex jista' jingħad li tkun tħarset ir-regola tat-trattament indaqs tal-partijiet. Mis-sottomissjonijiet kollha li saru u wkoll mix-xhieda mressqa mir-rikorrent innifsu, il-Qorti ma tarax kif ir-rikorrent jista' jgħid li tneħħewlu l-imsemmija garanziji jew xi waħda minnhom bil-fatt waħdu li l-Qorti Kriminali laqgħet it-talba tal-intimat li l-ġuri tiegħu jimxi għalih u mhux ukoll flimkien ma' dak kontra di Bartolo. Għalhekk, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet u b'żieda ma' dawk li saru aktar

qabel, il-Qorti ma tarax lanqas li nkisret ir-regola li jingħata trattament indaqs bejnu u l-prosekuzzjoni li b'xi mod iġġib magħha ksur tal-jedd fundamentali minnu invokat"

[...]

20. [...] Ġà rajna illi, daqskemm l-akkuża ma hijiex kundanna, daqstant ieħor l-akkużat ma għandux jedd jagħżel hu b'liema akkuża jiġi mixli: dik l-għażla tmiss leġittimament lill-prosekuzzjoni. Lanqas ma jista' l-akkużat, kif jippretendi l-attur, iċaħħad lill-prosekuzzjoni milli tfassal l-akkuża fuq fatti li lill-istess prosekuzzjoni jidhrilha li jkunu ħarġu waqt il-kumpilazzjoni.

21. Lanqas is-separazzjoni tal-proċessi ma toħloq xi preġudizzju illeġittimu. Jekk, minħabba f'dik is-separazzjoni, ikunu jistgħu jinstemgħu xhieda li, li kieku l-proċessi ma nfirdux, ma kinux ikunu jistgħu jixhdu, u hekk tinkixef xi verità li ma tkunx taqbel jew togħġob lill-attur, b'hekk ma jinkiser ebda dritt, għax l-attur ma għandu ebda jedd illi jippretendi illi xiehda ma tingħatax sempliċement għax sfavorevoli għalih."

Decizjoni ohra ta' relevanza hija dik fl-ismijiet **Gordi Felice vs. Avukat Generali** (Rik Kost 3/2015) JZM deciza mill-Prim'Awla (sede Kostituzzjonali) fil-31 t'Ottubru 2016 ennuncjat li

"Huwa risaput illi sabiex jinghad illi kien hemm vjolazzjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq, wiehed ghandu jqis il-procediment fl-assjem tieghu, mhux jillimita ruhu ghal episodju wiehed li jkun gara waqt l-andament tal-proceduri, in partikolari f`kaz bhal ma huwa dak attwali fejn il-process kriminali ghadu pendenti.

Il-Qorti trid tevalwa s-sitwazzjoni kollha u mhux episodji distinti minn xulxin.

Id-diskrezzjoni li jista` jezercita l-Avukat Generali meta jiddeciedi jekk ghandux jitlob is-separazzjoni ta` kawza minn ohra ma tohloqx pregudizzju illegittimu fil-konfront tar-rikorrent.

Il-prosekuzzoni ghandha d-dmirijiet taghha.

Wiehed minn dawn huwa li tmexxi l-process b`mod li tasal biex tinkixef is-sewwa. Fost l-ghodod li ghandha hemm dak li taghzel jekk l-processi ghandhom jimxu flimkien jew le.

**Din hija setgha li tohrog u trid il-ligi stess.**

Jekk ma ssirx il-prova li dik s-setgha kienet adoperata b`mod irragjonevoli jew abbuziv, ma jistax jinghad li kien hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tal-persuna.

Fil-kaz tal-lum, il-Qorti hija sprovvista mill-prova illi kien hemm abbuz da parti ta` l-prosekuzzjoni tad-diskrezzjoni taghha.

**Ghalhekk fil-fehma ta` din il-Qorti l-fatt illi l-Avukat Generali wasal sabiex jissepara l-kawzi ta` wiehed mill-iehor minn dawk li kienu akkuzati flimkien m'huwiex leziv tad-dritt ta` smiegh xieraq tar-rikorrent.**"

Il-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Novembru 2017 ghaddiet biex osservat li l-firda tal-proceduri hija "wahda mill-ghodod procedurali koncessi mil-Ligi lill-prosekuzzjoni biex tkun fl-ahjar pozizzjoni li twettaq dmirijietha fil-process tat-tfittxija tal-verità f'proceduri kriminali." Kompliet tghid ukoll li

"21. Din il-Qorti tqis ukoll illi kieku l-ilment tar-rikorrent kellu jintlaqa', u l-ghazla tas-sekwenza li fiha ghandhom jinstemghu l-kawzi li qabel kienu jifformaw process wiehed kellha titqies bhala leziva ghad-dritt ta' smigh xieraq, kieku l-intimat ikun perennement imxekkel f'wahda mill-funzjonijiet bazilari tieghu ossia l-prosekuzzjoni tal-kawzi quddiem il-

Qorti Kriminali, oltre li din il-Qorti tkun qeghda effettivament tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik tal-Avukat Generali fl-ghazla dwar liema kaz ghandu jinstema' l-ewwel.

[...]

24. Fil-fehma ta' din il-Qorti, is-sekwenza tal-kawzi kif maghzula mill-intimat ma tilledix id-drittijiet tar-rikorrent fil-kuntest ta' dan il-principju, li huwa imhares mid-diversi dispozizzjonijiet tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Il-fatt li l-guri tar-rikorrent jigi appuntat u jinstema' wara li jigi determinat il-process kontra William Agius b'ebda mod ma jista' jnaqqas mill-garanziji Kostituzzjonali u Konvenzjonali biex jissalvagwardjaw smigh xieraq fil-process kontra r-rikorrent, anke fl-assenza ta' kriterji jew linji-gwida stabbiliti mil-Ligi biex jirregolaw din l-ghazla.

25. Ghalkemm l-ghazla dwar liema kawza tinstema' qabel l-ohra hija wahda li tithalla esklussivament f'idejn il-prosekuzzjoni, u d-diskrezzjoni relattiva ma hijiex regolata mil-Ligi jew minn kriterji legali stabbiliti, l-ezercizzju ta' din id-diskrezzjoni li, del resto, issegwi necessarjament l-uzu ta' setgha koncessa espressament mil-Ligi [Artikolu 594 tal-Kap. 9.], ma jwassalx wahdu u awtomatikament ghal ksur tad-dritt ghal smigh xieraq minghajr prova dwar kif l-ezercizzju tad-diskrezzjoni fil-kaz konkret kien arbitrarju, irragjonevoli u pregudizzjevoli ghad-drittijiet tar-rikorrent entro il-parametri tar-rekwiziti tal-kuncett ta' smigh xieraq.

[...]

28. Din il-Qorti thoss li ghandha zzid li d-decizjoni tal-Avukat Generali li jaghzel l-ordni li fih ghandhom jinstemghu l-kawzi f'kaz ta' firda tal-processi kriminali tal-ko-akkuzati ai termini tal-Artikolu 594 ma tilledix id-dritt ghal smigh xieraq ghaliex f'kull kaz, dik id-decizjoni ma tincidix fuq il-htija o meno tal-persuna akkuzata u tolqot biss is-sekwenza u z-

> zmien meta jinstemghu l-istess kawzi rispettivament quddiem il-Qorti Kriminali."

Ghalkemm dawn l-kunsiderazzjonijiet saru fid-dawl tal-fatt li r-rikorrenti f'dawk il-proceduri kienu qeghdin jilmentwa dwar l-ghazla tal-ordni ta' kif ghandhom jinstemghu l-proceduri tal-ko-akkuzati, dawn l-osservazzjonijiet ghandhom rilevanza ghall-kaz odjern. Dan qieghed jinghad ghaliex ghalkemm m'hemm l-ebda kriterji stabbiliti ta' meta l-proceduri ghandhom jinstemghu b'mod separat, ir-rikorrenti naqset milli ggib prova kif l-ezercizzju tad-diskrezzjoni tal-prosekuzzjoni kien arbitrarju, irragjonevoli u pregudizzjevoli ghad-drittijiet taghha, ghajr ghal fatt li Nigel Abela ma ridx u ma setax jigi mgieghel jixhed fil-kawza taghha ghax kienu qeghdin jinstemghu proceduri separati kontra tieghu. Izda kif gie spjegat fid-dettal aktar 'l fuq, l-ebda xhieda moghtija minn ko-akkuzat iehor ma tista' tintuza sakemm ikunu pendenti proceduri penali kontra dak il-ko-akkuzat, lanqas jekk l-akkuzati gew imressqa kollha fi procedura wahda.

Finalment din il-Qorti tosserva li t-twettiq ta' diskrezzjoni minnu nnifsu jimplika li ssir ghazla mill-persuna li lilha hija moghtija diskrezzjoni bhal dik: fejn ma jkunx hemm ghazla, ma jkun hemm l-ebda diskrezzjoni. It-thaddim ta' diskrezzjoni *per se* ma tammontax awtomatikament ghall-lezjoni tad-drittijiet fundamentali, bhal ma donnha qieghda ssostni r-rikorrenti. Huwa l-uzu abbuziv u irragonevoli tieghu li jista' jwassal ghal ksur ta' xi wiehed mid-drittijiet fundamentali.

Id-diskrezzjoni li uzu l-Avukat Generali fil-proceduri li kienu mixjin kontra Ruth Gatt temani minn **Artikolu 591 tal-Kodici Kriminali** fejn jipprovdi li

> "591. Akkużi kontra żewġ persuni jew aktar bħala awturi jew kompliċi fl-istess reat, jew bħala ħatjin ta' reati diversi li jkollhom konnessjoni bejniethom, **jistgħu** jinġiebu f'att ta' akkuża wieħed u iġġudikati kollha fl-istess kawża, għalkemm xi wieħed minn dawn ir-reati jkun ta' kompetenza inferjuri."

Dwar dan il-punt ta' relevanza hija s-sentenza fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Rodney Andrew Molt and Ana-Maria Beatrice Ciocanel** (Att Nru 23/2012) deciza mill-Qorti Kriminali fil-5 ta' Novembru 2013 fejn ghalkemm is-sitwazzjoni hija inversa ghal dik odjerna, l-argument li Maria Beatrice Ciocanel kienet mcahhda milli tressaq lill-ko-akkuzat jixhed hija identika. F'dik il-kawza Ciocanel eccepiet is-segwenti:

> *"That the trial against her cannot proceed at this juncture of the proceedings as her main witness in her defence is Andrew Rodney Molt who is currently co-accused with her under the same bill of indictment. Thus at this point in order to safeguard accused`s right to a fair there should be ordered the separation of suits between co-accused and accused Ana-Maria Beatrice Ciocanel`s trial be set for hearing only upon the definite termination of the proceedings against her co-accused Andrew Rodney Molt."*

F'dik is-sentenza, ghalkemm il-Qorti tal-Appell Kriminali ma ddecidietx fuq punti kostituzzjonali, hija ghamlet il-konsiderazzjonijiet taghha dwar id-diskrezzjoni li l-Avukat Generali ghandu, f'dak il-kaz li jressaq lill-ko-akkuzati flimkien:

> *"14. This provision of law is clear and unequivocal. Motu proprio the court has no right whatsoever to order a separate trial for each accused, when two or more are joined in the same indictment unless there is the demand of the Attorney General. There is no provision of the law which vests the court with the authority to order a separate trial on the demand of the accused. If a demand is submitted by the Attorney General, then the court may order a separate trial. If not, then the court cannot act of its own motion. In the case under scrutiny, the Attorney General did not make a demand to the effect aforesaid and therefore the first court may not order a separate trial of each of the persons co-accused jointly on the same indictment. The court has no authority to question the reasons why the Attorney General chooses to accuse two or more persons jointly on the same bill of indictment."*

Hija d-diskrezzjoni tal-Avukat Generali li l-ko-akkuzati jinstemghu b'mod separat jew flimkien. Huwa fil-kompitu ta' din il-Qorti li tezamina jekk id-diskrezzjoni tal-prosekuzzjoni kinitx arbitrarju, irragjonevoli jew pregudizzjevoli ghad-drittijiet tar-rikorrenti. Il-Qorti ma ssibx illi r-rikorrenti uriet li l-Avukat Generali agixxa b'mod arbitrarju jew irragjonevoli. Il-pregudizzju li minnu tillamenta r-rikorrenti huwa fil-fehma ta' din il-Qorti inezistenti.

**Karen Reid** fil-ktieb ***A Practioner's Guide to the European Convention on Human Rights*** [2019] ghamlitha cara li

> "*There is no right for suspects accused of involvement in the same crime to be tried together. Where however there are concurrent proceedings, the separate trials mut be run with due safeguards to prevent impinging on fairness, namely the Court must refrain from making statements prejudicial to the accused who are not present before them and the principle of res iudicata must not apply in such a way that findings made in one trial are automatically transposed to another [Navalnyy and Ofitserov v. Russia, 23 February 2016 at [103]-[109] where the Court trying a third accused made statements about the two applicants' implication in events and its findings were effectively taken into account in the applicants' trial.]"*[29]

Ghalhekk fuq din l-iskorta ta' taghlim u in vista ta' nuqqas ta' turija li kien hemm xi abbuz mill-Avukat Generali meta ghazel li jhaddem id-diskrezzjoni tieghu, din il-Qorti qed tiddeciedi li r-rikorrenti ma soffriet l-ebda lezjoni tad-drittijiet fundamentali taghha meta l-Avukat Generali haddem id-diskrezzjoni tieghu u ghazel li jressaq lil ko-akkuzati fi proceduri separati.

[29] Pagna 111 tal-ktieb.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' l-eccezzjonijiet kollha tal-Avukat Generali u konsegwentement tichad it-talbiet attrici.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

Moqrija

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imhallef**
29 ta' Ottubru 2020

**Lydia Ellul**
**Deputat Registratur**